MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2006

Talba Numru. 782/2004

**Joseph Said Ltd**

**vs**

**Carmelo Caruana Shipping Ltd u b'digriet tat-Tribunal tal-21 ta Mejju 2004 l-isem tas-socjeta konvenuta gie jinqara bhala Carmelo Caruana Company Limited agenti Malta ta CMA CG MSA armaturi tal-vapur Safmarine Kimley**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-13 ta April 2004 fejn is-socjeta attrici qed titlob li s-socjeta konvenuta ghandha tigi kkundannata thallasha s-somma ta sitt mija u sitta u sebghin lira tnax il-centezmu (Lm676.12) rapprezentanti valur ta laring danneggjat formanti parti minn konsenja li waslet Malta fl-20 ta April 2003.

Bl-ispejjes u bl-imghax legali dekorribbli mid-data tan-notifika ta dan l-avviz kontra s-socjeta konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Giet notata l-korrezzjoni awtorizzata fl-isem tas-socjeta konvenuta nomine datata 21 ta Mejju 2004, meta l-istess socjeta konvenuta tat ruhha notifikata ghall-ewwel darba bl-avviz kif korrett.

Ra r-risposta tas-socjeta konvenuta prezentata fit-8 ta' Gunju 2004 fejn ikkontestat it-talba attrici ghas-segwenti ragunijiet:-
1. Dekadenza stante traskors ta perjodu ta aktar minn sena bejn id-data tal-allegata hsara u d-data tal-korrezzjoni fl-okkju;
2. Ma kinietx responsabbli ghad-danni allegati;
3. Ghandhom jitresqu l-provi tad-danni allegati u tal-valur taghhom.

Ra x-xhieda prodotti u ezamina d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra:

Illi s-socjeta attrici qed tallega li meta konsenja ta laring waslet hawn Malta fl-20 ta April 2003 gie notat li parti mill-merkanzija kien danneggjat u kwindi sar is-survey relattiv fuq l-istess minn Paul Ellul li xehed f'dawn il-proceduri u pprezenta sensiela ta dokumenti markati fl-imkien bhala Dok PE1 in sostenn tat-talba attrici.

Illi ghandu jirrizulta li parti minn din il-konsenja x'aktarx waslet danneggjata peress li dan il-laring suppost li kellu jinhatt fl-1 ta April 2003 pero il-vapur telaq minnghajr ma ghamel dan u rega gie lura fil-21 ta April 2003 meta mbaghad tnizzel minn fuq il-vapur.

Illi r-rapprezentant tas-socjeta konvenuta, meta xehed quddiem dan it-Tribunal, fil-fatt ikkonferma dan in-nuqqas cioe li jinhatt ix-xoghol mal-wasla tieghu hawn Malta u jispjega pero li dana gara peress li l-Kaptan tal-vapur kien inghata struzzjonijiet mis-superjuri tieghu biex "jerfa l-

ankri" hesrem u jsalpa l-barra liema azzjoni giet deskritta u hi maghrufa bit-terminu "shut-off".

Illi ghalhekk ma hemmx dubbju li s-socjeta konvenuta qua agenti lokali tal-vapur ghandha twiegeb legalment ghal dan l-agir tal-istess vapur li wassal biex il-konsenja titnizzel minn fuq il-vapur kwazi tliet gimghat tard u dana qed jinghad b'referenza ghat-tieni eccezzjoni sollevata mis-socjeta konvenuta;

Illi dwar l-ewwel eccezzjoni jnghad li s-socjeta konvenuta naqset li tindika l-artikolu tal-ligi fuqhiex qed tibbaza tali risposta u kwindi dan it-Tribunal ma hux ser jiehu aktar konjizzjoni tal-istess;

Illi dwar id-danni subiti u cioe b'referenza ghat-tielet eccezzjoni jinghad li ingiebu provi soddisfacenti u ezawrjenti dwar dan permezz tad-dokumenti esebiti fil-faxxikolu markat Dok PE1 a fol 17 tal-process.

Ghal dawn il-mottivi, it-Tribunal jiddeciedi dan il-kaz billi qieghed jichad l-eccezzjoni sollevati mis-socjeta konvenuta tilqa t-talbiet attrici u konsegwentement tikkundanna lis-socjeta konvenuta nomine thallas lis-socjeta attrici s-somma mitluba ta sitt mija u sitta u sebghin lira tnax il-centezmu (Lm676.12) bl-imghax legali dekorribbli minn-notifika ta l-odjern avviz kif korrett u bl-ispejjes kollha ta din l-istanza kif rikjesti ghandhom jigu wkoll sopportati mill-istess socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------